MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 1574/1998/1

**Turista Limited gja` Wembley Motors Limited**

**v.**

**Registratur tal-Qorti**

**Il-Qorti:**
Din hi sentenza dwar il-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` appellata li l-appell intavolat mill-konvenut Registratur tal-Qorti (illum id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, bhala Registratur tal-Qorti) huwa null peress li gie introdott wara li kien skada t-terminu tal-appell.

Fl-udjenza tal-lum id-difensur tal-appellant irrimetta ruhu ghall-atti.

Mill-atti jirrizulta li s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li minnha qed jappella r-Registratur inghatat fit-12 ta' Ottubru 2007, u ghalhekk, skond il-kalendarju Gregorjan, l-ghoxrin gurnata ghall-prezentata tal-appell kienu jaghlqu fl-1 ta' Novembru 2007. L-appell, invece, gie pprezentat fil-5 ta' Novembru 2007.

Ghalhekk jirrizulta car li l-appell huwa *fuori termine* u kwindi irritu u null.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` appellata, tiddikjara l-appell irritu u null ghax prezentat barra mit-terminu stabbilit fil-ligi, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------